10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 3**

**It-Tnejn 29 ta' Lulju 2024**

Il-laqgħa b'urġenza numru 3 saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Tlieta 16 ta' Lulju 2024 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Stephen Sultana

Is-Sur Karl Carabott

Is-Sa Roberta Sultana

Is-Sur Joe Vella

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Darren Grech

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Tiffany Abela | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sur Michael Mifsud | Ex – Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sur Alan Fava | Financial Controller - LESA |

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

## 1 Qari tal-ittri t'apoloġija

F'din il-laqgħa ma' kienx hemm ittri t'apoloġija.

## 2 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sur Falzon qal li issejħet din il-laqgħa b'urġenza in vista li fl-aħħar laqgħa ġew preżentati l-kontijiet tal-Lesa u kien hemm ħafna mistoqsijiet. Għalhekk ġew mistiedna jattendu is-Sur Michael Mifsud, ex-aġent segretarju eżekuttiv, u s-Sur Alan Fava li hu l-financial controller tal-aġenzija LESA. Is-Sindku stieden lis-Sur Fava sabiex jgħati l-ispjega tiegħu. Is-Sur Fava qal li xtaq jibda li billi jispjega x'inhuma l-ħlasijiet tal-amministrazzjoni. Dawn jinqasu fi 2.

- L-ewwel tip huwa ħlas li jingħata mill-LESA lill-kunsill għal dawk iċ-ċitazzjonijiet li jitħallsu l-Kunsill
- It-tieni tip huma dawk iċ-ċitazzjoni ta' qabel 2018 li jkunu saru f'Santa Venera u li jinġabru mill-aġenzija LESA, jingħata persentaġġ lill-Kunsill.

Fuq dawn ma jitħallasx il-VAT għalhekk min-naħa tal-LESA tinħareġ statement u mhux invoice. Hu qal li dawn qabel kienu jintbagħatu bil-posta imma issa dawn isiru permezz ta' email.

Is-Sur Fava ppreżenta statement fejn spjega li dawk immarkati bil-blu, huma dawk li l-kunsill irċieva u dawk bl-aħmar li l-Kunsill ma' irċiviex. Il-ħlasijiet tal-amministrazzjoni pendenti huma ftit.

Fuq l-Eco wardens, is-Sur Fava spjega li dawn ukoll jinqasmu fi 2. Il-LESA joffru servizz ta' ECO wardens lill-kull kunsill lokali fil-ħinijiet ta' rotta ta' kuljum stabbilita mill-Lesa. Però barra minn dan is-servizz il-Lesa toffri ukoll servizz ta' Eco Wardens li l-kunsill jista' jingaġġaw f'każ ta' bżonn. Fuq dawn ic-CEO tal-Lesa offra 20% skont. Is-Sur Sultana oġġeżżjona għal ħlas tal-Eco Wardens u ħlas tal-festa 2022.

Is-sindku spjega li meta l-Kunsill kien qed isaqsi għas-servizz tal-ECO wardens, dan kien servizz tajjeb ħafna. Is-Sur Sultana irrimarka li l-Kunsill preċedenti kien ħass il-bżonn li jsaqsi għal Eco wardens għax meta ġew mitluba, kien hemm aktar minn 100 ċitazzjoni u qabel dawn ma kien jiġi immultat ħadd. Dan is-servizz kien suppost qed jingħata b'xejn imma l-Kunsill kellu jirrikorri għal servizz dirett għax ma' kienx effettiv. Fuq dan is-Sur Fava qal li l-Kunsill jista' jsaqsi għar-rapport tal-kontravenzjonijiet mill-Lesa u b'dan biss jista' jiġi żgurat li dak li qed jgħid is-Sur Sultana huwa minnu.

Is-Sur Sultana jirrimarka li intagħalbu extra duties dan sar għax kienu għadhom deħlin l-ilmenti. Is-Sur Sultana żied li wara l-laqgħa tal-Kunsill ma' l-AKL, il-Kunsill sar jaf li dan is-servizz suppost jingħata b'xejn u għalhekk irribatta dawn l-invoices.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li kien hemm talba diretta minn għand il-kunsill li qeda ukoll imminutata. Hemm differenza bejn titlob il-wardens in ġenerali u titlobhom jibqgħu f'post speċifiku.

Is-Sur Sultana talab li jkun skużat minn din il-laqgħa minħabba impenji oħra.

Is-Sur Fava ikkummenta li l-Kunsill preċedenti setgħa jsaqsi għal laqgħa ta' kjarifika fuq dawn il-fatturi u kienu jiġu ndirizzati kollha. Is-Sur Michael Mifsud, irrimarka li fi żmien li hu kien

jaqdi l-funzjoni ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv dawn il-ECO wardens kienu mitluba peress li ix-xogħol normali li jingħata b'xejn ma kienx qed isir. Hu spjega li kienu intalbu meetings mal-LESA imma dawn ġew irrifjutati jew injorati. Dan minħabba batti b'hekk bejn il-LESA u l-kunsill preċedenti

Is-Sur Silvio Vella ikkummenta li hu personalment qatt ma qabel mal-kunċett tal-kameras imma jaqbel ħafna mal-Eco Wardens għax dawn huma aktar effettivi.

Wara domanda mis-Sa Sultana hekk il-Lesa l-Eco Wardens għadhomx jaqdu din il-funzjoni fil-lokal, is-sindku ikkonferma li iva u jibdew kuljum fis-6.30am

Is-Sur Vella saqsa lis-Sur Fava hekk intbgħatux reminders għal ħlas u hekk dawn kienux fuq l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sur Fava ikkonferma dan u qal li r-risposta tal-kunsill preċedenti kienet li mhux ser jitħallsu għalissa, filwaqt li s-Sur Mifsud spjega li hekk ma jkunx hemm qbil unanimu fuq l-iskeda tal-pagamenti, dawn ma jitħallsux.

Is-Sur Carabott saqsa għala kien hemm 20% skond fuq il-kont tal-Eco Wardens. Dan ġej mill-buona volonta ta' CEO tal-Lesa sabiex tinsab soluzzjoni amikevoli. L-Eco Wardens kellhom jaħdmu għal 8 ġimgħat imma l-kunsill waqqaf is-servizz wara 6 ġimgħat u l-invoices jixhdu dan.

Is-Sur Mifsud fakkar li l-kunsill sar jaf bis-servizz tal-Eco wardens b'xejn mil-LESA wara li tkellem mal-AKL għax qabel ma kienux jidhru lejn Santa Venera.

Is-Sur Fava ġibed l-attenzjoni li dan setgħa ġie ikkomunikat lil Lesa u dawn kienu jirranġaw is-sitwazzjoni. Pero ma' hemm l-ebda provi li servizz b'xejn ta' ECO Wardens ma' sarx mil-Lesa f'Santa Venera.

Is-Sur Joe Vella irrimarka li l-kunsill kien kuntent bix-xogħol tal-Eco Wardens għax tnaqqas ħafna l-abbuż speċjalment fil-*hot spots* madwar il-lokal.

Wara li ġew imqabbla l-invoices u l-istatements, u diskussjonijiet fuq kif ser jitħallsu dawn l-invoices ġie deċiż li dawk l-invoices li l-kunsill ma' rċiviex jiġu mnaqqsa, u b'hekk il-bilanċ jiġi ta' Euro 28,321.96.

Minn dan il-bilanċ isir pagament lil-Lesa ta' 24 elf, li u 50% tal-ammont tal-festa ta' din is-sena. Il-bilanċ li jibqa' jitħallas aktar il-quddiem.

Fuq dan kien hemm qbil unanimament.

**3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fil-18.30 u ġiet aġġornata għall-5 ta' Awwissu 2024 fil-17.00.

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| Gianluca Falzon | Tiffany Abela |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |